# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar t-Tlieta 27 t'Ottubru 2015**

**Mandat Numru : 1526/2015/1 JPG**

**George Portanier (ID 470365M)**

**Vs**

**Bank of Valletta P.L.C. C 28 33**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti George Portanier tat-28 ta' Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*IlIi l-esponenti, sabiex jilkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli*

***Jipprocedi bl-"Assessing the Individual and collective suitability of Candidates for the Directorship of BOV" tramite il-Bord tad-Diretturi li qed jagixxi bhala "Nominations Committee";***

***Jipprocedi milli jikkomunika ir-risultat tas-"Suitability Test" datat 25 ta' Settembru 2015 lill-Awtorita'Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u lil Joint Supervisory Team (JST)***

***Jipprocedi bl-elezzjonijet tad-diretturi ai termini tal-artikolu 60.1.2. u 60.2.1. tal-Articles of Association tal-Bank intimat, dement li n-nomini ghad-diretturi jibqghu dawk li jirrizultaw mis-suitability test datat 25 ta' Settembru 2015.***

*Illi r-rikorrent ggradwa bhala B.Sc. fl-Ekonomija mill-London of School of Economics fl-1986, u fis-sena ta' wara ottjena M.A. fil-Finanzi u Investiment mill-Universita' ta' York fl-Inghilterra. Fl-1988 gradwa MBA mill-Universita' ta' Edinburgh fl-Iskoza u fl-2005 ottjena wkoll MA (Economics of Competition Law) mill-Universita' ta' Malta u fl-2007 ottjena wkoll Dilploma in Taxation mill-Malta Institute of Taxation.*

*Illi r-rikorrent kien gie appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Bank intimat f'Mejju 1992 u ilu direttur sal-gurnata tal-lum hlief ghal sena wahda.*

*Illi recentement ir-rikorrent tefa' n-nomina tieghu ghal direttur sabiex jikkontesta l-elezzjoni tad-diretturi ai termini tal-artikolu 60.1.2 u 60.2.1. tal-istaut tal-banki intimat, liema elezzjoni kellha ssir fil-laqgha annwali generali li jmiss, skedata ghas-17 ta' Dicembru 2015. Kopja tan-nomina tar-rikorrent hija hawn annessa bhala Dok. GP1. Waqt li kopja tal-Istatut tal-Bank intimat hija hawn annessa bhala Dok. GP2.*

*Illi wara li ntefghu n-nomini ghall-ellezzjoni tad-diretturi ic-Chairman tal-Bank informa lid-diretturi prezenti li l-Joint Supervisory Team (li huwa team kongunt bejn il-European Central Bank u r-Regolatur lokali) kien talab li l-Bank Intimat kellu jaderixxi mal-European Banking Authority Guidelines – On the assesement of the suitability of members of the management body and key function holders.*

*Illi kif jirrizulta minn Dok. GP3 hawn anness, il-Bank intimat ma kellux l-ebda policy dwar in-nomina ta' kandidati ghall-elezzjoni ta' diretturi.*

*Illi fin-nuqqas ta' tali policy ic-Chairman tal-Bank, John Cassar White, insista li tali assessment ta' kandidati kellha ssir mill-membri tal-Bord tad-Diretturi esistenti li jivvotaw ghal xulxin dwar min ghandu jkun addattat biex jikkontestat l-elezzjoni ta' diretturi, u le.*

*Illi ir-rikorrent oggezzona ghal-tali esercizzju fil-laqgha li saret fis-17 ta' Settembru 2015, izda c-Chairman insista li dan isir. Fil-fatt fil-laqgha tad-diretturi li saret fit-22 ta' Settembru 2015 id-diretturi gew mitluba jimlew kwestjonarju dwar l-eligilibilita' tal-persuni li tefghu n-nomini taghhom, inkluz dawk tar-rikorrent. Kopja ta' dil-kwestjonarju hija hawn annessa bhala Dok. GP4.*

*Illi fil-25 ta' Settembru 2015 ic-Chairman irilaxxa ir-"risultat" tas-"Suitability of Directors Test" hawn anness bhala Dok. GP5 minn fejn jirrizulta li d-diretturi l-ohra eskludew lir-rikorrent milli jkun meqjus bhala persuna addattata sabiex jikkontesta l-elezzjoni tad-Diretturi.*

*Illi ic-Chairman tal-Bank qed jintima li behsiebu jaghti dan ir-risultat lill-MFSA u lil (JST) Joint Supervisory Team.*

*Illi jekk dan isir u tibqa' miexja l-elezzjoni tad-diretturi fuq in-nomini approvati mid-diretturi, ir-rikorrent ser ikun eskluz milli jikkontesta l-elezzjoni tal-Bord tad-Diretturi.*

*Illi dan huwa illegali u jmur kontra l-Att Dwar Il-Kumpaniji (KAP386) kif ukoll kontra l-Istatut tal-bank Intimat kif ukoll kontra l-Principji tal-Gustizzja Naturali.*

***<u>L-Att Dwar il-Kumpaniji</u>***

*Illi Principju bazilari fil-ligi tas-socjetajiet huwa li d-diretturi huma mahtura mill-azzjonisti tas-socjeta', kif fil-fatt ir-rikorrent ilu jigu mahtur ghal bosta snin.*

*Illi d-diretturi m'ghandhom ebda jedd li jahtru diretturi huma, hlief f'kaz ta' "casual vacancy", li hawnhekk mhux il-kaz.*

*Illi bil-procedura li qed jaddotta l-bank intimat ser ikunu d-diretturi stess li jiddeciedu lil min jeskludu milli jikkontesta l-elezzjoni ta' direttur, u kwindi jekk id-diretturi attwali m'ghandhomx grazzja ma' xi persuna partikolari, anke jekk l-azzjonisti jridu lil dik il-persuna li ssir direttur; id-diretturi attwali jistghu jimblukkaw lil dik il-persuna milli tikkontesta elezzjoni.*

*Illi barra minn hekk il-Kap 386 jispecifika min huma l-persuni li ma jistghux jigu appuntati bhala direttur.*

*Illi l-artikolu 142(1) jispecifika:*

*(1) Persuna ma tkunx kwalifikata biex tkun maħtura jew li żżomm kariga ta' direttur tal-kumpannija jew segretarju tal-kumpannija jekk -*

*(a) tkun interdetta jew nieqsa mill-kapaċità jew tkun falluta;*
*(b) tkun instabet ħatja ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li xjentement tkun irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi;*
*(ċ) tkun minuri li ma tkunx ġiet emanċipata għallkummerċ;jew*
*(d) tkun suġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320.*

*Illi l-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet ta' ineligibilita' ma huma applikabbli ghar-rikorrent.*

***L-Istatut tal-Bank Intimat***

*Illi anke l-istatut tal-Bank Intimat ma jippermettix li jsir dan l-iSuitability Test promoss mic-Chairman tal-Bank.*

*Illi l-istatut jaghmilha cara dwar kif ghandha ssir l-elezzjoni tal-Bord tad-diretturi.*

*Illi l-klawzoli relevanti huma 60.1.2 u 60.2.1 sa' 60.2.4.., hawn taht riprodotti:-*
*60.1.2 Every Member holding in aggregate less than ten per cent (10%) of the issued capital of the Company having voting rights on the Record Date shall be entitled to vote at a general meeting of the Company for the election of such number of Directors as are NOT appointed in terms of Article 60.1.1. Members entitled to vote pursuant to the provisions of this Article shall be entitled to elect not more than one Director for every ten per cent (10%) shareholding having voting rights held between them on the Record Date.*

*60.2.1 An election of directors pursuant to Article 60.1.2 shall take place every year.*

*60.2.2 For the election of directors mentioned in Article 60.1.2 every Member shall be entitled to nominate one Person to stand for the election of Directors. Such nominee must be seconded by at least such Member or*
*Members as in aggregate hold at least 5,000 shares between them.*

*60.2.3 The Company shall grant a period of at least fourteen (14) days, to Members to propose nominations of candidates for the election of Directors. Such notice may be given by the publication of an advertisement in at least two (2) daily newspapers. All such nominations as well as the candidates' acceptance of such nomination shall on pain of nullity have to be submitted on the prescribed form, which have to reach the Company Secretary not later than fourteen (14) days after the publication of the notice calling for such nominations.*

*60.2.4 In the event that there are as many nominations as there are vacancies or less, no election will take place and those nominees will be automatically appointed Directors.*

*Illi l-Istatut tal-bank intimat jagmilha cara li huma l-azzjonisti li jiddeciedu min ghandu jikkontesta l-elezzjoni ta' Direttur u m'ghandu jkun hemm ebda indhil mid-diretturi innifishom dwar min ghandhom ihallu li jikkontesta l-elezzjoni ghall-hatra fuq il-Bord tad-diretturi.*

*Illi l-procedura ta' Suitability Test intrapriza mill-Bord Tad-Diretturi stess tmur kontra l-Istatut tal-bank intimat, u c-Chairman tal-Bank kien inghata avviz legali li dak li kien qed jipproponi kien "open to legal challenge".*

***<u>Principji ta' Gustizzja Naturali</u>***

*Illi l-Bank intimat qed jipprova jibbaza dan l-iSuitability Test fuq il-guidelines tal-European Banking Authority (vide Dok. GP6).*

*Illi l-artikolu 7.1*[1] *ta' dawn il-guidelines jispecifika li l-bank ghandu jkollu policy for selecting and assessing members of the management body." Illi kif ammess mill-Bank intimat stess (vide Dok. GP3) il-Bank intimat ma kellux tali policy. Qatt pero' ma jista' jkun li tali rwol jittiehed mid-diretturi nfushom li jivvutaw ghalihom stess min ser ikun direttur u min ghandu jkun eskluz milli jkun direttur.*

*Illi dan imur direttament kontra l-principju ta' "Nemo judex in causa propria" u ma jistax ikun li d-diretturi jivvutaw ghalihom infushom; semmai ghandu jkun hemm kumitat kompost mill-azzjonisti, jew kumitat at arms length mill-bord tad-diretturi nnifsu.* ***Irid ukoll jigi emendat l-istatut tal-Bank qabel ma' dan isir.***

***<u>Kwalifiki tar-Rikorrent</u>***

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke meta wiehed jaqra' d-domandi posti lid-diretturi wiehed ma jistax jimmagina kif ir-rikorrent ma giex meqjus bhala persuna addattata sabiex ikun direttur, u kwindi huwa car u ovvju li dan ma huwa xejn hlief attentat sabiex ir-rikorrent jitwarrab min-nofs, u ma jithallix li jikkontesta l-elezzjoni tad-direttur, kif ghandu kull dritt li jaghmel ai termini tal-Ligi Dwar il-Kumpaniji u ai termini tal-istatut tal-istess bank intimat.*

---

[1] *7.1. Credit institutions should have a policy for selecting and assessing members of the management body which takes into account the nature, scale and complexity of the business of the credit institution and sets out at least:*
*a. the individual or function responsible for performing the suitability assessment;*
*b. the applicable internal procedure for the assessment of the suitability of a member;*
*c. the necessary competencies and skills of a member of the management body needed to assume that the member has sufficient expertise,*
*d. the information and evidence that a member of the management body should provide to the credit institution for an assessment;*
*e. if the member is to be appointed by the shareholders the measures taken to ensure that shareholders are informed about the requirements for the position and the relevant profile of persons before they are appointed; and*
*f. the situations where a re-assessment of the suitability should be performed, together with measures to identify such situations. These should include a requirement that members of the management body should notify any material change to the credit institution and may include annual notifications of any changes affecting their compliance with the relevant requirements.*
*g. ways in which the credit institution will provide training opportunities, in case there are specific learning and development needs of the members of its management body.*

*Illi ghal kull buon fini qed tigi annessa il-Curriculum Vitae tar-rikorrent li giet annessa mar-risposta (GP7) ghad-domandi li hemm f'pagna 19 tal-EBA Guidelines, hawn gia' annessi bhala Dok. GP6.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta'inibizzjoni sabiex izommu mi1li jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tat-28 ta' Settembru 2015 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza fl-15 t'Ottubru 2015 fis-1:30.pm;

Rat ir-risposta ta'Bank of Valletta tat-2 t'Ottubru 2015 li taqra hekk:;

***A. INTRODUZZJONI***

1. *Nhar it-28 ta' Settembru 2015, ir-rikorrenti intavola talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-bank intimat sabiex, in effett, il-Bank jinżamm milli josserva l-obbligu statutorju tiegħu li jiżgura li dawk li huma fdati bit-tmexxija tiegħu ikollhom dawk il-kwalitajiet meħtieġa biex ikunu fdati bil-flus tad-depożitanti u bit-tmexxija ta' istituzzjoni ta' importanza kbira fl-ekonomija. Ir-rikorrent mhux biss m'għandu l-ebda dritt x'jipproteġi, imma qiegħed jitlob lil din l-Onor Qorti biex twaqqaf il-Bank milli josserva l-liġi tal-pajjiż intiża, bħal dik Ewropeja li fuqha hi bbażata, għall-protezzjoni tas-swieq finanzjarji. Ġejja minn persuna li tippretendi li tikkontesta għal post fuq il-bord ta' bank, u li ilu snin jokkupa tali kariga, din it-talba hi, biex ma jingħadx iktar, sorprendenti ferm.*

2. *Permezz tal-preżenti risposta, s-soċjeta esponenti tirrileva:*

a. *preliminarjament, n-nuqqas t'interess ġuridiku tar-rikorrenti li jippromwuovi din l-istanza;*

b. *preliminarjament ukoll, illi fi kwalunkwe kaz l-ewwel zewġ talbiet tar-rikorrenti huma kompletament ezawriti, stante illi suitability test inzamm u ntemm (kif ex admissis jgħid ir-rikorrent fir-rikors tiegħu), u r-riżultati tiegħu ġew komunikati lir-regolaturi in kwistjoni nhar il-ġimgħa 25 ta' Settembru 2015;*

c. *illi t-tielet talba hija ntempestiva u prematura (ara paragrafu 16 ta' din ir-risposta);*

d. *il-Bank intimat għandu obbligu statutorju li jiżgura li min imexxi l-Bank hu adatt, jew fit and proper, biex jassumi l-kariga li jkun fdat biha*

e. *li jirriżulta prima facie_huwa propju l-obbligu tal-Bank taħt il-liġijiet bankarji. Għalhekk mhux biss ma jirriżulta ebda dritt tar-rikorrent, iżda obbligu tiegħu li joqgħod għall-eżami impost mill-liġi. It-talba hi, għalhekk, mhux biss frivola u vessatorja, imma hi talba li tmur proprju kontra l-liġi.*

### ***B. IL-FATTI FIL-QOSOR***

3. *Ir-rikorrenti huwa preżentement direttur tal-Bank, liema nkarigu jiġi fit-tmiem tiegħu fil-laqgħa ġenerali annwali skedata għal Diċembru ta' din is-sena 2015.*

4. *Illi r-rikorrent reġa ġie nominat biex jokkupa l-kariga ta' direttur minn numru ta' azzjonisti tal-istess bank intimat permezz ta' l-formula ta' nomina ffirmata wkoll mill-istess rikorrent u li kopja tal-istess ġiet annessa mir-rikorrent mar-rikors promotur bħala dokument GP1.*

5. *Il-Bank kien obbligat jadopera ruħhu mar-rekwiziti tal-Kap.371 tal-liġijiet ta' Malta u tar-regolamenti applikabbli dwar l-idonjeta' tal-persuni li jkunu diretturi u/jew kandidati biex isiru diretturi tal-bank intimat, li liema obbligu ġie fis-seħħ b'forza ta' liġi premezz tal-Att numru X tal-2015.*[2]

6. *Illi dawn ir-regolamenti fil-fatt huma guidelines maħruġin mill-EBA On the assessment of the suitability of members of the management body and key function holders maħruġin fir 22 ta' Novembru 2012*[3] *kif ukoll mill-EBA guidelines on internal governance maħruġin mill-EBA fis 27 ta' Settembru 2011*[4].

7. *Illi ta' min jirrileva, partikolarment fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, illi dawn iz-zewġ dokumenti msemmija fil-paragrafu 6 ġew adottati f'regolamenti bankarji mill-MFSA permezz ta' Appendix 1 ta' Banking Regulation 12 (anness u markat bħala Esebit 1) u għandhom il-forza ta' liġi f' Malta ai termini tal-artikolu 4(9) tal-Kap.371 tal-liġijiet ta' Malta*[5].

8. *Illi wara l-introduzzjoni ta' dawn ir-regolamenti ġodda il-Bank kien obbligat meta jiġi għal ħatra ta' diretturi ġodda, josserva id-dettami ta' dawn ir-regolamenti. Illi il-ħatra ta' diretturi ġodda skont l-istatut tal-bank għandha ssir f'Diċembru tal-2015 u allura din il-materja saret ta' ċerta urġenza biex il-bank josserva l-obbligi tiegħu fir-regolamenti u fl-istess ħin jirrispetta ż-żmien skont l-istatut biex jorganizza il-laqgħa ġenerali annwali fejn jiġu maħtura diretturi ġodda. Kien f'dan l-isfond illi l-bord tad-diretturi kellu jikkunsidra dak illi kien rikjest jagħmel mill-JST.*

---

[2] *Il-Bank hu sorveljat, f'dan ir-rigward, mill-MFSA u mill-European Banking Authority (l-EBA) li flimkien jikkostitwixxi l-Joint Supervisory Team (il-JST).*
[3] *EBA/GL/2012/06*
[4] *GL-44*
[5] *L-art.4(9) jgħid hekk: Ir-Regoli Bankarji għandhom ikunu vinkolanti fuq iddetenturi ta' liċenza u oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fl-istess regoli.*

9. *Fil-laqgħa tas-17 ta' Settembru 2015, kienet l-ewwel darba illi d-diretturi ġew rinfaċċati b'din il-kwistjoni. Huwa fatt li kien hemm resistenza inizjali da parti ta' numru mid-diretturi fir-rigward tal-fatt illi kienu qedgħin jintalbu janalizzaw l-idonjeta' tal-kollegi tagħhom, u ma ttieħdet ebda deċizjoni.*

10. *Fil-laqgħa tal-22 ta' Settembru wara li ġie spejgat fid-dettal lid-diretturi il-proċess kollu propost u kif dan kellu jiġi adoperat, ġie deċiz unanimament, bil-kunsens tal-istess rikorrent, illi dan huwa proċess li, in vista talobbligi taħt il-liġi bankarja, għandu jsir u ġie maqbul u approvat il-kwestjonarju illi abbazi tiegħu kella ssir l-analizi ta' idonjeta' u l-punteġġ neċessarju li kellu jintlaħaq biex persuna tinstab idoneja.*

11. *Bejn it-22 ta' Settembru u l-24 ta' Settembru 2015 id-diretturi ndividwalment għaddew biex jamgħlu l-analizi tagħhom billi kkompletaw il-kwestjonarju approvat mill-bord tad-diretturi fil-laqgħa tat-22 ta' Settembru, u ssottomettew l-istess kwestjonarju.*

12. *Wara li d-diretturi kollha, inkluz l-istess rikorrent, kienu ssottomettew il-kwestjonarji tagħhom bil-punteġġi ta' kull kandidat, u wara li gew evalwati r-risposti fil-kwestjonarji biex jigu stabbiliti l-punteggi ta' kull kandidat, fil-25 ta' Settembru 2015, is-Segretarju tal-Kumpanija baghtet email lid-Diretturi b'attachment li kien jinkludi nota minghand iċ-Chairman fejn informa lid-diretturi bl-ezitu tal-ezerċizzju (d-dokument ezebit mir-rikorrent bħala Dokument GP5).*

13. *Dak in-nhar stess tal-25 ta' Settembru 2015 il-Bank intimat ikkomunika l-ezitu tal-analizi ta' idonjeta' kondotta mil-bord tad-diretturi lir-regolaturi*[6].

[6] *Ara email ta'Miguel Borg annessa bħala Ezebit 2.*

14. *Huwa evidenti anki min din il-kronoloġija tal-fatti illi l-Bank intimat ma kellu ebda alternativa ħlief illi jadopera ruħhu mal-obbligi statutorji tiegħu bħala bank regolat taħt il-Kap 371 tal-liġijiet ta' Malta u r-regolamenti bankarji mamgħula taħtu, u dan billi jamgħel l-analizi rikjesta u jinforma lir-regolaturi bl-ezitu tal-istess, ħalli l-istess regolaturi jkunu issa jistgħu jipproċedu bl-analizi nterna tagħhom jif titlob il-liġi.*

## *C. TALBIET EZAWRITI U/JEW INTEMPESTIVI*

15. *L-ewwel zewġ talbiet tar-rikorrenti huma diġa ezawriti stante illi:*
    - ***a.*** *l-ezerċizzju tal-analizi msejħa "**Assessing the individual and collective suitability of candidates for the directorship of BOV"** diġa saret u ntemmet u allura m'hux il-kaz illi l-bank intimat jiġi inibit milli jipproċedi bl-istess; u*
    - ***b.*** *l-ezitu tas-Suitability Test datat 25 ta' Settembru 2015 diġa ġie komunikat lir-regolaturi kif jirrizulta mill-kopja tal-email annessa bħala Ezebit 2.*

16. *It-tielet talba hija ntempestiva, in kwantu qedgħa titlob illi l-bank intimat jinzamm milli jipproċedi bl-elezzjoni tad-diretturi ai termini tal-artikoli 60.1.2 u 60.2.1 tal-articles of association tal-bank intimat, dement li n-nomini għad-diretturi jibqgħu dawk li jirrizultaw mis-suitability test tal-25 ta' Settembru 2015, u dan għaliex għadu lanqas biss huwa magħruf l-ezitu tal-proċess kollu li jikkomprendi l-analizi tal-idonjeta' ta' kull kandiat da parti kemm tal-MFSA kif ukoll ta' Joint Superviory Team, liema process għadu mhux mitmum u allura anki jekk ir-rikorrent ma kkwalifikax mis-suitability test kondott mill-bank mhux neċessarjament il-kaz illi dan ma jikkwalifikax mill-analizi tar-regolaturi, u għalhekk semmai għandu jistenna l-ezitu ta' dan il-proċess u ta' l-lista ta' kandidati li għalihom iridu sussegwentement jivottaw l-azzjonisti li għada mhux magħrufa b'ċertezza.*

## *D. EBDA DRITT PRIMA FACIE*

17. *Fl-ewwel lok, is-soċjeta esponenti tisottometti li r-rikorrenti ma għandux il-jedd prima facie kif jeżiġi l-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Anzi, kif ġja sottomess, jirriżulta b'mod konklussiv li l-Bank għandu mhux id-dritt imma l-obbligu li jagħmel dak in kwistjoni.*

18. *Il-ġurisprudenza tgħallem li l-mandati kawtelatorji huma odjużi. Il-Qorti ta' l-Appell f'Angelo Joseph Said v. Ronald Said*[7] *tgħid li:*

*"il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-disposizzjonijiet tal-liġi dwarhom għandhom jirċievu nterpretazzjoni rigoruża."*

19. *Il-liġi stess tirrikonoxxi dan l-aspett ta' tali mandati billi fil-każ partikolari ta' mandat ta' inibizzjoni, twiddeb f'terminoloġija mqiegħda, insolitament, fin-negattiv, li mandat m'għandux jinħareġ jekk ma jkunx meħtieġ (bl-Ingliż "necessary") biex jiġi salvagwardjat dritt li jrid jirriżulta prima facie.*

20. *Il-Bank esponenti jissottometti li biex ir-rikorrent jissodisfa lill-Qorti li għandu dritt prima facie, tali dritt irid, mad-daqqa t'għajn, jirriżulta ċar: ċioe l-ġudizzju mmedjat, pero rivedibbli, li hi mitluba tagħmel il-Qorti, irid iwassalha għall-konklużjoni li rikorrenti għandu id-dritt minnu vantat. Mhux li jista' jkun li għandu dak li l-ingliżi jsejjħulu 'an arguable case', imma li għandu, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, raġun. Fi kliem ieħor, jekk il-punt hu dibattibli, u hu diffiċli li wieħed jieħu veduta mingħajr studju approfondit, allura l-liġi tiddirieġi lill-Qorti li għandha tirrifjuta t-talba. Dan hu t-tagħlim f'Grech pro et noe v Manfré (14 ta' Lulju 1988, Qorti ta' l-Appell):*

---

[7] *Deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerċjali) datata 8 ta' Marzu 1968*

*"It-tieni rekwiżit, u ċjoé 'li dan ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat;*

*Issa mit-trattazzjoni abbli tad-difensuri jidher manifest li qabel ma l-Qorti tasal tibda teżerċita xi diskrezzjoni dwar il-ħruġ tal-mandat, tkun trid tirrisolvi diversi problem ta' natura legali*

*[Hawn il-qorti għamlet elenku tal-problemi legali f'dik il-kawża]*

*Kull waħda minn dawn il-kumplikazzjonijiet legali hija biżżejjed biex twassal għall-konklużjoni li l-ħruġ tal-mandat ma jirriżultax, ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Flimkien, imbagħad ma jħallu ebda dubju li l-ħruġ tal-mandat ma jsegwix prima facie;"*

21. *Ir-ratio legis huwa ċar: ħadd m'għandu jiġi mwaqqaf milli jagħmel xi ħaġa ħlief fejn b'ġudizzju jirriżulta li m'għandux dritt jagħmilha jew, b'mod kawtelatorju fejn jidher ċar, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, li m'għandux dak id-dritt. Anzi, fil-każ tal-mandat, irid jiġi ukoll sodisfatt ir-rekwiżit tan-neċessita, pero dwar dan il-bank esponenti ser jitratta aktar 'il quddiem.*

22. *L-ewwel kweżit li għandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti huwa jekk fil-każ odjern, jirriżultax dritt ċar tar-rikorrenti mad-daqqa t'għajn.*

23. *Is-soċjeta esponenti umilment tissottometti li dan mhux il-każ għar-raġunijiet li ser isegwu.*

***L-ewwel nett x'inhu eżattament id-dritt pretiż mir-rikorrenti?***

24. *Mhux ċar ezattament x'inhu d-dritt pretiż, pero jidher li r-rikorrent qiegħed jallega:*

   a. *illi peress li huwa tefa n-nomina tiegħu bħala kandidat għall-elezzjoni ta' direttur tas-soċjeta esponenti, huwa għandu xi dritt li jitħalla jikkontesta tali elezzjoni;*
   b. *illi li l-bord tad-diretturi tal-istess bank intimat jadopera suitability testing fil-konfront ta' kandidati għall-istess elezzjoni ta' diretturi huwa lesiv tad-drittijiet tiegħu u jikser:*
      i. *il-Kap.386;*
      ii. *l-articles of association; u*
      iii. *l-prinċipji tad-dritt naturali.*

25. *Ir-rikorrenti peró, filwaqt illi jartikola l-ilmenti tiegħu, jonqos milli jartikola eżattament x'inhu d-dritt pretiż abbażi ta' l-istess ilmenti. Evidentement, dan hu għaliex tali dritt ma jeżistix.*

***Il-Kap.386 tal-liġijiet ta' Malta***

26. *L-ewwel bazi tal-ilment tar-rikorrent huwa msejjes propju fuq il-Kap.386 tal-liġijiet ta' Malta.*

27. *Mhux kontestat illi huwa prinċipju bażilari fil-liġi tas-soċjetajiet li d-diretturi huma maħtura mill-azzjonisti tas-soċjeta. Daqstant ieħor huwa bażilari u ma jistax ikun kontestat illi soċjeta kummerċjali mhix soġġetta biss għad-disposizzjonijiet tal-Kap.386 tal-liġijiet ta' Malta izda hija suġġetta, bħal kull persuna oħra, għall-liġijiet l-oħra kollha tal-pajjiz.*
28. *Il-Bank intimat, propju għax huwa bank u għax it-tip t'attivtajiet illi jisvolġi huma attivitajiet li għandhom elementi t'interess pubbliku u għalhekk huma attivitajiet liċenzjabbli u regolati b'mod strett hafna huwa soġġett għal numru ta'liġijiet oħra illi jimponu obbligi u*

*limitazzjonijiet oħra oltre dawk imposti mill-att dwar il-kumpaniji. Obbligi u limitazzjonijiet illi jekk ma jonorax jista jkun soġġett għal-sanzjonijiet amministrattivi u saħansitra telf ta' liċenzja ta' bank.*

29. *Hawn wieħed għandu jiddistingwi bejn liġijiet li jirregolaw il-forma ta' entita' u liġijiet li jirregolaw l-attivitajiet ta' dik l-istess entita'. Filwaqt illi l-Kap.386 huwa ntiz biex jirregola l-forma tal-entita' u allura kull kumpannija reġistrata Malta, ndipendentement mill-attivita' kummerċjali li tisvolġi, trid tosserva r-regoli imposti minnha; meta kumpannija tisvolġi attivita liċenzjabbli u regolata, allura apparti li tonora dawk illi huma r-regoli tal-att dwar il-kumpanniji trid ukoll tosserva dawk id-disposizzjonijiet li jirreogalw l-attivita tagħha u kif tista tisvolgi dik l-attivita'.*

30. *Dawn huma liġijiet li japplikaw biss għal dawk is-soċjetajiet li jisvolġu dawk l-attivitajiet partikolari, u allura huma liġijiet ta' natura aktar speċjali mill-liġi tal-kumpanniji li għanda applikazzjoni ġenerali għal kull kumpannija. Huwa evidenti illi bank jaqa bl-aktar mod skjett fil-kategorija ta' entitajiet li jisvolġu attivitajiet li għandhom interess pubbliku qawwi – evidenzjata mill-livell għoli ta' regolamentazzjoni stretta propju biex tipproteġi tali nteress pubbliku, u allura l-infrastruttura legali u regolatorja timponi fuq kummpaniji li jisvolġu dawn l-attivitajiet obbligi oltre dawk applikabbli għal kummpaniji oħra.*

31. *Dan huwa propju l-kaz odjern, fejn is-soċjeta ntimata hija regolata, fost diversi liġijiet oħrajn apparti l-Kap.386, mill-Banking Act, Kap.371 tal-liġijiet ta' Malta u min dawk ir-regolamenti u direttivi oħra applikabbli għal-istess bank fid-dritt tal-Unjoni Ewropea.*

32. *Ir-rizultat ta' dan huwa illi biex tkun direttur ta' bank huwa neċessarju li, apparti li ma tkunx skwalifikat milli tista tkun direttur ta' kummpanija ordinarja, wieħed irid ikun kunsidrat idoneju skond ma jitolbu l-kriterji tar-regoli bankarji.*

33. *Mhux kontestat, per ezempju, illi r-rikorrent mhux affett min xi wieħed jew aktar mill-projbizzjonijiet li tkun direttur ta' kummpanija Maltija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artiklu 142 (1) tal-Kap. 386. Però b'daqshekk ma jfissirx illi allura:*

    a. *r-rikorrent għandu xi dritt li jaġixxi bħala direttur tal-bank intimat, jew li għandu xi dritt li jikkontesta l-elezzjoni tad-diretturi tas-soċjeta ntimata; u*

    b. *lanqas li huwa idoneju biex ikun direttur ta' bank jew li jikkontesta l-elezzjoni tad-diretturi tal-istess bank;*

    *Ifisser biss li mhux affett min skwalifika ai termini tal-liġi tal-kummpaniji. Kieku s-soċjeta ntimata ma kinetx bank u allura kienet tapplika biss din il-liġi allura almenu wieħed kien jibda jifhem illi jistgħa jkun hemm il-bidu t'argument, pero anki hawn ifalli dan l-argument.*

34. *Ir-rikorrent donnu jagħti l-impressjoni illi d-diretturi qedgħin frivolosament o b'mod leġġer jiddeċiedu lil min jeskludu milli jikkontesta l-elezzjoni ta' direttur. Ir-rikorrent żgur illi jaf mod ieħor għax kien prezenti għal-laqgħat tal-bord tad-diretturi u pparteċipa fl-istess laqgħat, ta' l-approvazzjoni tiegħu ghall-proċess, u għalhekk bilfors li huwa konxju tas-serjeta' li biha ġiet diskussa il-kwistjoni waqt il-laqgħat tal-bord. Kien biss meta nstab li hu mhux idoneju għall-kariga li ddeċieda li jilmenta.*

35. *Kif ser jingħad aktar il-quddiem, il-bord tad-diretturi, in kwantu l-ogħla organu ezekuttiv fil-bank huwa obbligat bil-liġi*[8] *illi jassigura ruħhu illi l-bank ikun ġestit min bord idoneju skont kriterji stabbiliti fl-istess liġi u regolamenti oħra applikabbli għal kull bank regolat fl-ambitu tal-Unjoni Ewropea. L-istess diretturi, jew kumitat kompost min diretturi bħala nominations committee, wara l-evalwazzjoni tagħhom tal-idonjeta ndividwali tal-membri tal-bord huma obbligati illi jesprimi veduta dwar l-idonjeta' tal-persuni li jokkupaw, fost oħrajn, il-*

[8] *Ara artikolu 14 tal-Kap 371 tal-liġijiet ta' Malta.*

*kariga ta' direttur, u li jipprovdu lir-regolaturi tagħhom bil-veduti tagħhom bbazati fuq dawk il-kriterji stabbiliti mir-regolamenti. Fl-aħħar mill-aħħar huma r-regolaturi tal-Bank illi jridu jkun sodisfatti mill-idonjeta' tal-persuni konċernati u kif ser jintwera aktar il-quddiem ir-regolaturi għandhom il-poter mhux biss li ma jħallux persuni mhux idoneji jsiru diretturi ta' bank, izda talvolta jkunu diretturi jistgħu jitneħħew min tali posizzjoni. Fl-ebda mument però ma huwa l-każ illi ma jkunux l-azzjonisti illi fl-aħħar mill-aħħar japprovaw u/jew jivvutaw għal preferenza tagħhom fir-rigward tad-diretturi – u dan billi l-istess azzjonisti jingħataw stampa ċara u sħiħa tal-posizzjoni u cioe:*

*a. min huma l-kandidati li talvolta jkunu approvati mir-regolaturi bħala persuni idoneji u min mhux; u*

*b. il-konsegwenzi jekk l-istess azzjonisti jivuttaw u jeleġġu persuna li mhix meqjusa idoneja mir-regolaturi.*

36. *Fl-aħjar ipotesi għar-rikorrent, jibqa neboluż x'inhu sostanzjalment d-dritt pretiż mir-rikorrenti ai termini tal-Kap.386 tal-liġijiet ta' Malta u li għandu jiġi tutelat min dina l-Onorabbli Qorti bil-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni. Imkien ma jgħid b'mod ċar x'inhu dan id-dritt u minn fejn jirriżulta. Imkien ma jirrizulta illi l-Kap.386 tagħti xi dritt lill-persuna illi tkun direttur jew li għandha xi dritt tkun kandidat għal-elezzjoni ta'direttur, il-fatt illi prima facie mhux affett min eskluzjoni statutorja ma tistax tkun il-bazi tal-ezistenza ta' dritt. Pero anki kieku dan kien il-kaz, li mhux, dak id-dritt irid jiġi meqjus mhux biss fl-ambitu tal-Kap. 386, izda fl-ambitu tal-ordinament leġislattiv kollu applikabbli għal-bank intimat, li kif ser jintwera, mad-daqqa t'għajn jixhed illi l-bank intimat kellu obbligu legali li jipproċedi bis-suitability test.*

***L-istatut tas-soċjeta ntimata***

37. *L-esponenti ser tgħaddi issa biex tanalizza għaliex l-allegazzjonijiet tas-soċjeta rikorrenti anki fl-isfond tal-istatut tas-soċjeta ntimata huma kompletament żbaljati u ma jsostnu ebda dritt tar-rikorrent, rekwizit meħtieġ għal-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni .*

38. *Fl-ewwel lok l-esponent trid tirrileva illi l-istatut tal-bank ma jamgħel ebda riferenza għal suitability testing – pero' dan ifisser biss li huwa siket fuq dan il-punt, u mhux kif jimplika r-rikorrenti li dan <u>mhux permess</u> mill-istatut, partikolarment meta tali testing hu rikjest mill-liġi. Naturalment, anki kieku l-istatut jipprojbixxi tali testing, il-liġi tipprevali.*

39. *Hija għal darb' oħra affrettata l-konkluzjoni tar-rikorrenti illi d-diretturi ser jindaħlu lill-azzjonisti dwar min ser ikunu d-diretturi. Huwa ċar u nkontestat illi l-azzjonisti għandhom id-dritt illi jinnominaw persuni biex jokkupaw il-kariga ta' direttur, u jekk ikun hemm aktar nomini min postijiet vakanti, trid issir elezzjoni. Dan huwa dritt mogħti lill-azzjonisti tas-soċjeta skont l-istatut pero' zgur li mhux dritt mogħti lill-kandidati għall-postijiet vakanti ta' direttur.*

40. *Ir-rikorrent, għalkemm juza l-istatut tal-bank intimat biex b'mod ġeneriku isostni l-bazi ta' dritt tiegħu, la jiċċita u lanqas jista jiċċita ebda artikolu tal-istatut li jagħti xi dritt lilu, bħala kandidat. M'hemm ebda dubbju li filwaqt illi l-istatut huwa s-sors ta' drittijiet u obbligi tad-diversi partijiet u komponenti ta' kummpanija – fosthom l-azzjonisti, id-diretturi u f'xi kazi anki kredituri – ma jsostnux xi dritt lil persuni illi l-unika vesti tagħhom hija bħala kandidati għall-post ta' diretturi.*

41. *Fl-ambitu ta' proċeduri ġudizzjarji u partikolarment fil-fattispeċie ta' mandat t'inibizzjoni d-dritt pretiz mir-rikorrenti jrid ikun dritt persunali kompetenti lilu, u mhux dritt li jikkompeti lill-ħaddieħor. L-istatut jagħti dritt lill-azzjonisti li jinnominaw persuni biex jokkupaw il-kariga ta' direttur, jagħtihom ukoll id-dritt li, f'kaz ta' elezzjoni*

*jivvutaw il-preferenzi tagħhom biex jeleġġu d-diretturi. Dawn pero huma evidentement drittijiet mogħtija lill-azzjonisti u mhux lill-kandidati nfushom, u allura:*

a. *ma jistax kandidat għall-elezzjoni jippretendi li tali dritt jikkompeti lilu u li jsostni l-ilmenti tiegħu fir-rikors; u*
b. *semmai kellhom ikunu dawk l-azzjonisti li nnominaw lir-rikorrent bħala kandidat li jistgħu almenu jgħidu illi għandhom xi dritt, u mhux il-kandidat innifsu.*

42. *Id-diretturi tal-bank intimat m'għandhom ebda ntenzjoni illi jindaħlu dwar min għandu jikkontesta l-elezzjoni għal direttur kif jallega ir-rikorrent. Bħala fatt, huwa nkontestat illi l-azzjonisti ġew mistiedna biex, skont l-istess dettami tal-istatut, jipproponu kandidati għall-uffiċju ta' direttur tal-bank. Huwa propju bħala rizultat ta' din l-istedina illi r-rikorrent u oħrajn issottomettew in-nomini tagħhom. Dan huwa l-ewwel dritt tal-azzjonisti, u cioe li jinnominaw kandidati, dritt li ġie rispettat fit-totalita tiegħu.*

43. *It tieni dritt tal-azzjonisti in materia huwa li jivvuttaw huma għal dawk il-kandidati li jidrilhom huma. Anki dan huwa dritt li d-diretturi tal-bank m'għandhom ebda intenzjoni li ma josservawx, għalkemm ir-rikorrenti huwa ta' fehma differenti. Il-mistoqsija allura hija waħda spontaneja, kif u għaliex qiegħed isostni r-rikorrent li permezz tas-suitability test, il-bord tad-diretturi qedgħin imorru kontra l-istatut tal-bank?*

44. *Ir-risposta hija wkoll waħda pjuttost faċli, u cioe illi l-kondotta ta' suitability test fiħ innifsu ma jikser ebda dritt u/jew artikolu tal-istatut. Dan għaliex il-bord tad-diretturi meta mexxa suitability test kkonduċa sempliċiment test, kif obbligat skont il-liġi u fuq sett ta' kriterji stabbiliti, id-diretturi esprimew veduta dwar l-idonjeta' tar-rikorrent, kif għamlu fil-konfront ta' kull direttur/kandidat ieħor u ssottomettew l-istess veduta lir-regolaturi tagħhom nhar il-25 ta' Settembru 2015. Min*

*dan kollu ir-rikorrent jasal għal-konkluzjonijiet affrettati li għax persuna ma tkunx għaddiet min dan is-suitability test allura m'hix ser tiġi prezentata lill-azzjonisti bħala kandidat u l-azzjonisti ma jkunux jistgħu jivvutawla. Mingħajr preġudizzju għal dak illi diġa ntqal qabel u cioe illi semmai tali argument jistgħa jamgħlu azzjonista li huwa direttament interessat, u mhux kandidat, mhux neċessarjament il-kaz li għax persuna ma' tgħaddiex mis-suitability test u l-analizi tad-diretturi din mhix ser tgħaddi mill-iskrutinju tar-regolaturi u allura dik il-kandidatura ma tittpoġġiex fuq il-lista ta' kandidati finali li għalihom jkunu jridu jivvutaw l-azzjonisti.*

45. *L-aħħar kelma dwar l-idonjeta' tal-kandidati mhix dik tad-diretturi izda hija tar-regolaturi. Pero fl-aħħar mill-aħħar il-lista ta' kandidati hija biss dik proposta skont l-istatut u d-diretturi sejrin josservaw l-obbligi tagħhom skont l-istatut f'kull waqt; jekk ir-regolatur jidhirlu illi mhux kull persuna fuq dik il-lista hija idoneja, għandu l-poter fil-liġi li ma japprovax lil dik il-persuna, u allura anki jekk l-azzjonisti jkunu jixtiequ jivvutawla, dik il-persuna ma tkunx tista tieħu posta bħala direttur ta' bank.*

***IL-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti Ewropej***

46. *Kif diġa ntqal aktar il-fuq ir-rikorrent qiegħed, pjuttost b'mod sempliċistiku, jsejjes l-ilment tiegħu esklussivament fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta u l-istatut, li kif diġa ntqal fl-ebda mument ma ġew mittiefsa. Pero' anki jekk l-analizi ta' din il-Qorti trid tkun waħda biss prima facie ma tistax ma tikkunsidrax il-kwistjoni ta' dritt fil-kuntest sħiħ tad-dritt applikabbli għas-soċjeta intimata.*

47. *Il-materja in kwistjoni hija regolata mill-Kap.371 tal-liġijiet ta' Malta prinċipalment billi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 14 tesiġi*

*illi direttur ta' istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun persuna adatta*[9] *biex teżerċita kontroll*[10].

48. *In oltre kull bank huwa obbligat illi minnufiħ jinnotifika lill-awtorita kompetenti bl-informazzjoni kollha dwar kull direttur jew persuna li mistennija tkun direttur*[11], *bl-iskop illi l-awtroita' kompetenti tkun tista tipproċedi bl-evalwazzjoni tagħha dwar l-idonjeta tal-bord, kemm individwalment kif ukoll kollettivament.*

49. *L-artikolu 14 (10) imbgħad jagħti l-poter lill-awtorita' kompetenti li f'kaz li xi persuna ma tkunx idoneja biex tkun direttur ta' bank, l-istess awtorita' tista tamgħel ordni biex dik il-persun ttemm l-inkarigu tagħha jew jew li jżomm lil dik il-persuna milli ssir kontrollur jew direttur*[12]. *Dan huwa poter vestit fl-awtorita' kompetenti u mhux fid-diretturi, u huwa dan il-poter illi jirrendi l-kelma tal-awtorita' kompetenti dik finali.*

50. *Permezz ta' Banking Rule 12 – li hija banking regulation li skont l-artiklu 4 tal-Kap.371 tal-liġijiet ta' Malta għandha l-forza ta' liġi, ir-responsabilita' prinċipali ta' internal governance ta' Bank taqa f'idejn il-bord tad-diretturi li huwa soġġett għal rekwiziti t'idonjeta' speċifiċi*

---

9 *emfazi mizjuda*

10 *Artikolu 14 (1) "Kull persuna li tkun kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun persuna adatta biex teżerċita dak il-kontroll.*
*(2) Id-diretturi għandhom f'kull waqt ikunu ta' fama tajba biżżejjed u jkollhom biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Il-kompożizzjoni ġenerali tal-bord tad-diretturi għandha tkun tirrifletti firxa wiesgħa tal-esperjenzi b'mod adegwat: …….omissis"*

11 *Ara artikolu 14(8) u (9) li jgħidu hekk: "(8) Istituzzjoni ta' kreditu għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità kompetenti - (a) bil-partikolaritajiet kollha tal-persuni kollha li jkunu kontrolluri jew diretturi tal-istituzzjoni ta' kreditu; (b) bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun mistennija li ssir kontrollur jew direttur tal-istituzzjoni ta' kreditu; (ċ) bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun mistennija li tieqaf milli tkun kontrollur jew direttur tal-istituzzjoni ta' kreditu.*
*(9) Istituzzjoni ta' kreditu għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'kull informazzjoni oħra li hija tista' teħtieġ dwar kwalunkwe kontrollur jew direttur eżistenti jew propost."*

12 *Ara artikolu 14(10) li jgħid hekk: "(10) Jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li xi persuna li tkun jew tkun mistennija li ssir kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx persuna adatta biex tkun kontrollur jew direttur, l-awtorità kompetenti tista' tagħmel ordni li tkun tenħtieġ lil dik il-persuna ittemm milli tkun kontrollur jew direttur jew li jżomm lil dik il-persuna milli ssir kontrollur jew direttur."*

*ai termini tal-artikolu 91 tad-Direttiva magħrufa bħala CRD*[13]*. Huwa b'implementazzjoni ta' CRD, li l-EBA kienet ħarget il-Guidelines on Internal Governance (GL44) u il-Guidelines on the Assessment of the Suitability of Members of the Management Body and Key Function Holders (EBA/GL/2012/16). Dawn ġew integrati fl-interita' tagħhom fil-Banking Rule 12 bħala Appendiċi numru 1 – u allura saru parti ntegrali mid-dritt Malti u obbligatorji fil-konfront ta' kull bank liċenzjat Malta, inkluz il-Bank intimat.*

51. *Dawn ir-regolamenti huma ntizi bħala "the criteria and processes that credit institutions and competent authorities should respect when assessing the suitability of proposed and appointed members of the management body of a credit institution"*[14]*.*

52. *L-istess regolamenti mingħajr ebda ekwivoku jimponu ir-reponsabbilta' t'analiżi fuq il-bord tad-diretturi (jew nominations committee bħala sotto-kumitat tal-bord) meta jispeċifikaw illi "Assessing the initial and ongoing suitability of members of the management body and key function holders should primarily be the responsibility of the credit institution"*[15]

53. *Fundamentalment il-proċess skont dawn ir-regolamenti huwa illi l-Bank, permezz tal-bord jew ta' nominations committee għandu jaddotta u japplika policies li abbazi tagħhom jazgħel u jiġġudika membri tal-bord jew dawk prospettivi, biex imbgħad janalizza l-idonjeta' ta' kandidat jew direttur prospettiv skont il-kriterji stabbiliti f'paragrafi 13 sa 15 tar-regolamenti u dan allura fuq il-kriterji segwenti:*
    a. *Kriterji ta' reputazzjoni;*

---

[13] *Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ditti ta' investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/ 49/KE, kif emendati minn żmien għal żmien, u li tinkludi kull miżura implimentattiva li tkun ġiet maħruġa, jew li tista' tinħareġ taħtha;*

[14] *Ara introduzzjoni paragrafu 1 intitolat Subject Matter ta' Guidelines on the Assessment of the Suitability of Members of the Management Body and Key Function Holders (EBA/GL/2012/16).*

[15] *Ara Guidelines on the Assessment of the Suitability of Members of the Management Body and Key Function Holders (EBA/GL/2012/16) Chapter I – Responsabilities and general assessment criteria, paragrafu 4.1*

b. *Kriterji t'esperjenza; u*
c. *Kriterji ta' Governance*

54. *Wara li ssir l-analizi mid-diretturi nnifushom, jew minn kumitat maħtur minnhom, il-bank huwa obbligat li jipprovdi l-informazzjoni kollha dwar il-kandidati u l-bazi illi fuqha sar l-assessment, kif ukoll il-veduta finali tal-bord, fuq l-idonjeta ta' kull persuna biex tkun direttr ta' bank, skont il-kriterji stabbiliti fir-regolamenti. Huma finalment l-awtoritajiet kompetenti li imbgħad għandhom jevalwaw l-informazzjoni u jamghlu huma l-assessment tal-kandidati jew membri tal-bord, abbazi tal-istess kriterji msemmija. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaslu għal-konkluzjonijiet differenti min dawk li jkun wasal għalihom il-bord fl-analizi tiegħu, anki għaliex jistgħa jagħti weightings differenti lil xi aspetti differenti tal-istess kriterji.*

55. *Huwa propju fl-isfond ta' dawn ir-regolamenti dettaljati u preskrttivi illi l-bank intimat adotta u approva policies u l-kwestjonarju neċessarju biex ikun jista jsir it-test tal-idonjeta' tal-kandidati. Ma kienx b' kapriċċ illi l-Bord tad-diretturi għamel id-deċizjoni biex jadopera ruħhu ma dawn ir-regolamenti u fiz-zmien qasir josserva l-obbligi mposti fuqu bil-liġi.*

56. *Ta' min hawnhekk jirrileva illi kull kandidat – inkuż is-sur Portanier - meta ssottometta n-nomina tiegħu iffirma dikjarazzjoni li tgħid hekk:*

*I hereby declare that:*

*(a) being cognisant of the relevant provisions of the Companies Act (Chapter386 of the Laws of Malta) and the Banking Act (Chapter 371 of the Laws of Malta, there is no legal or other impediment which precludes me from occupying the office of director of Bank of Valletta p.l.c..*

*(b) omissis*

> *I understand that this nomination is subject to approval by the Competent Authority under the relevant provisions of the Banking Act (Chapter 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Chapter 370 of the Laws of Malta), for which prupose I attach a completed "Form 3 – Personal Questionnaire" and my "Curriculum Vitae".*

*Huwa anki hawn ċar illi kull kandidat, inkluz l-istess rikorrent, kien jaf illi n-nomina tiegħu hija soġetta għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u kien għalhekk illi inġabret min għandu l-informazzjoni neċessarja biex tintbgħat lill-istess awtroita'. Dan huwa process t' approvazzjoni da parti tal-awtoritiajiet kompetenti illi ilu jsir, u r-rikorrent bħala persuna li ila snin twal tikkontesta l-elezzjonijiet ta' diretturi kull sena kkompleta u ffirma din id-dikjarazzjoni.*

*Id-differenza din id-darba, hija l-introduzzjoni da parti tal-leġislatur fil-liġi bankarja u r-regolamenti bankarji ta' rekwisiti ġodda – u cioe is-suitability test li għandu jsir mill-bank stess.*

***Prinċipji ta' Ġustizzja Naturali***

57. *Kif qal tajjeb ir-rikorrent il-Bank ibbaża ruħhu strettament fuq ir-regolamenti bankarji li adottaw il-guidelines tal-EBA meta kkonduċa is-suitability test u osserva il-kriterji dettati min dawk l-istess regolamenti formanti parti min Banking Rule 12 tal-liġijiuet bankarji ta' Malta.*

58. *Però r-rikorrent donnu qiegħed jgħid illi li l-fatt li d-diretturi jesprimu veduta jew opinjoni dwar jekk fil-fehma kunsidrata tagħhom persuna li tipprezenta ruħha biex taġixxi bħala direttur ta' bank hix idoneja biex tamgħel hekk fuq il-bazi ta' kriterji ċari u stabbiliti huwa ekwivalenti għal ġudizzju ta' xi tribunal ġudizzjajru jew kwazi ġudizzjarju li jiddeċiedi f'kawza tiegħu stess. Hekk biss jistgħa b'xi mod ikollhom rilevanza dawn il-prinċipji meta applikati fil-kaz odjern.*

59. *Ir-rikkorrent donnu qiegħed jimplika li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali għandhom applikazzjoni f'kamp extra-ġudizjarju, u allura anki jekk opinjoni mhux tali illi jiddetermina d-drittijiet u obbligi ta' persuna. Dan huwa mhux biss zbaljat, imma assurd għaliex il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, fosthom il-prinċipju ta' nemo judex in causa propria, huma prinċipji li japplikaw biss fil-kamp ġudizzjarju u dak kwazi ġudizzjaru, fejn ġudikant ser jiddetermina id-drittijeit u obbligi ta' xi persuna, pero zgur mhux il-kaz illi japplikaw fejn persuna qedgħa b'xi mod tifformula veduta dwar l-idonjeta' tagħha li tokkupa kariga ta' direttur ta' bank.*

60. *Jidher illi r-rikorrent ma fehmx ezattament la n-natura u lanqas l-iskop tal-proċess in kwistjoni kif ukoll tal-obbligi legali li huma mposti fuq il-bank mir-regolamenti bankarji.*
    a. *Fl-ewwel lok ir-regolamenti huma ċari illi il-bord tad-diretturi u/jew nominations committee, kompost fi kwalunkwe kaz min diretturi tal-bank irid jamgħel l-evalwazzjoni tal-idonjeta' ta' dawk il-persuni li huma diretturi prospettivi li jokkupaw il-kariga ta' diretturi.*
    b. *Fit-tieni lok – huwa evidenti illi l-proċess la huwa u lanqas huwa ntiz li jkun wieħed ta' natura ġudizzjarja – u ma jiddeterminax xi drittijiet u/jew obbligi tal-persuna. Kandidat għal kariga ta' direttur m'għandux xi dritt sagrosant li jitħalla jikkontesta l-elezzjoni tad-diretturi.*
    c. *Id-deċizjoni tad-diretturi, fl-aħħar mill-aħħar mhix waħda finali, pero hija biss l-ewwel pass fi process li fl-aħħar mill-aħħar irid jiġi deċiz mir-regolaturi tal-bank li jkunu sodisfatti illi bod tad-diretturi tal-bank huwa compost min persuna li kemm individwalment kif ukoll kollettivament għandhom il-karateristiċi neċessarji biex jokkupaw tali kariga.*

61. *Hija t-tezi tal-esponent illi l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kif jindika l-istess terminu meta juza l-kelma* ***ġustizzja*** *m'għandux applikazzjoni fil-*

*kamp barra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – u zgur illi fil-ġestjoni ta' kummpanija mhux il-kaz illi wieħed jitkellem dwar jew jamgħel argumenti fuq dan il-prinċipju, partikolarment meta il-proċess illi r-rikorrent jallega illi jmur kontra dawn il-prinċipji huwa wieħed determinat mill-liġi. Semmai jekk ir-rikorrent jidirlu illi il-liġi li tesiġi u timponi l-obbligi fuq il-bord tal-kummpaniji jiledu il-prinċipju ta' fair hearing sanċit addiritura mill-kostituzzjoni tal-pajjiz, l-istanza li għandu jippromwuovi zgur li mhux it-talba għal-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni.*

***E. NUQQAS TA' ĦTIEĠA***

62. *La darba ma jirriżultax dritt, allura l-Qorti m'għandhiex għalfejn tissindika l-kwistjoni tal-ħtieġa tal-mandat għaliex dawn l-elementi huma kumulattivi.*

63. *Għall-kompletezza peró jiġi sottomess li anki jekk, arguendo, is-soċjetà rikorrenti kellha xi dritt, il-mandat mhux meħtieġ għaliex hi dejjem għandha rimedju f'danni: ara, fost oħrajn, Gauci noe v Id-Direttur tal-Kuntratti, 18 ta' Lulju 2008.*

64. *Ir-rikors promotur huwa sieket kompletament dwar il-punt tal-ħtieġa. Ir-rikorrent imkien ma jamgħel il-kaz għaliex huwa neċessarju l-ħruġ tal-mandat biex jikkawtela id-dritt minnu pretiz. F'dan in-nuqqas l-esponent ser ikollu, ftit jew wisq jispekola dwar x'jsta jkun il-preġudizzju u jekk wieħed janalizza l-fatti u d-dritt pretiz mir-rikorrent, l-preġudizzju li jista talvolta jsofri r-rikorrent jekk ma jitħalliex jikkontesta għal posizzjoni ta' direttur tal-bank – jasal għal konkluzjoni illi l-aktar li jista jsofri hija r-remunerazzjoni li kieku kien jaqla kieku kien direttur. Ċertament preġudizzju rimedjabbli, jekk ikun il-kaz. Anki hawn, ir-rikorrent irid l-ewwel jissodisfa lill-din l-onorabbli Qorti illi talvolta jikkontesta l-elezzjoni ser ikun elett mill-azzjonisti bħala direttur.*

65. *Anki fuq din il-bazi biss, u ċioe n-nuqqas tal-ħtieġa it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

***E. KONKLUZJONI***

*Għaldaqstant għar-raġunjiet kollha esposti, jew liema minnhom, it-talba fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandha tiġi miċħuda.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-Bank esponenti."*

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-mandat;

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti Portanier fir-rikors promotur jsostni li skond l-Artikolu 139 (4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u skond l-Artikolu 60.1.2, 60.2.1 u 60.2.2 tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-Bank, is-*shareholders* ghandhom dritt li jappuntaw direttur.

Di piu' trattandosi ta' istituzzjoni Bankarja, Direttur nominat jirrikjedi l-aprovazzjoni mill-Malta Financial Services Authority biex jservi f'Bord ta' Diretturi tal-istess bank.

George Portanier ikkonferma bil-gurament fir-rikors promotur, li huwa ghandu Bacellorat (B.SC) fl-Ekonomija mill-London School of Economics (1986) ghandu MA fil-Finanzi u Investimenti mill-Universita ta' York fl-Ingilterra; MBA mill-Universita' ta' Edinburgh fil-1988; MA Economics of Competition Law mill-Universita' ta' Malta f'2005; u Diploma in Taxation mill-Malta Institute of Taxation fil-2007 – Vide GP7.

Huwa stqarr illi kien gie appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tal-bank intimat fis-sena 1992 u illi kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-istess bank ghal kull sena sussegwenti ghajr ghal sena wahda.

Portanier xhed illi huwa tefa' n-nomina tieghu biex jikkontesta l-elezzjoni skedata f'Dicembru 17 2015 – Dok GP1.

In segwitu tan-nomina tal-kandidati diretturi, c-Chairman informa lid-direttuti presenti li l-Joint Supervisors Team [16] kien talab il-Bank of Valleta jaderixxi mal-European Banking Authority Guidelines rigward *the assessment of the suitability of members of the management body and key function holders.*

Il-bank ma kellu ebda *policy* (Dok GP3) dwar dan u c-Chairman John Cassar White insista li tali assessment ta' kandidati ssir mill-membri tal-Bord tad-Diretturi.

Minkejja l-oggezzjoni ta' Portanier,[17] c-Chairman insista li d-diretturi jimlew kwestjonarju dwar l-elegibilta' tal-kandiati – Dok. G14.

Fil-25 ta' Settembru 2015, c-Chairman rrelaxxa r-rezultat s-*Suitability of Directors Test* (Dok GP5) li fih d-diretturi l-ohra eskludew lir-rikorrenti, billi qisu lir-rikorrenti mhux idoneu biex jikkontesta l-elezzjoni mhejjija ghas-17 ta' Dicembru 2015.

Dan r-rezultat huwa ntiz li jigi komunikat lil MFSA u lil *Joint Supervisory Team*

Ir-rikorrenti jilmenta li permezz ta' tali manouvra huwa ser jigi eskluz milli jikkontesta l-elezzjoni tal-Bord tad-Diretturi, u li dan kien in vjolazzjoni tal-Artikolu 142(1) tal-Kapitolu 386 u Artikolu 60.1.2 u 60.2.1 sa 60 .2.4 tal-istatut tal-Bank.

Minkejja li l-bank intimat pprova jibbaza s-*Suitability Test* fuq il-linja gwida tal-*European Bank Authority* (Dok GP6) fejn skond Artikolu 7.1 il-bank kellu jkollu *policy of selecting and assessing members of the management body*, il-bank intimat ammetta li ma kellux tali *policy* (Dok GP3)

[16] Team kongunt bejn l-European Central Bank u r-Regolatur Lokali
[17] Laqgha 17 ta' Settembru 2015

Ir-rikorrenti jsostni illi l-Bord tad-Direttur ma jistghux jeliminaw Direttur u jikkreaw cirkostanzi fejn jipperpetwaw it-tigdid awtomatiku taghhom nfushom bhala Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi b'mod li lanqas ikun hemm htiega li fil-fatt issir elezzjoni.

Minn naha l-ohra l-bank intimat sahaq illi huwa kien obbligat isegwi r-rekwiziti tal-Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar l-idonjeta' ta' persuni li jkunu Diretturi jew kandidati Diretturi, liema obbligu sar vinkolanti permezz ta' Att 10 ta' 2015. Dawn ir-regolamenti huma l-linji gwida mahruga mill-EBA dwar l-*assessment* ta' idonjeta' tal-membri tal-*management body* u *key function holders,* [18]liema regolamenti ghandhom il-forza tal-ligi ai termini tal-Artikolu 4(9) tal-Kapitolu 371.

Illi in vista tar-regolamenti godda li l-bank kien obbligat bihom ghal hatra ta' Diretturi godda, l-materja tal-*assessment* tal-idonjeta' tal-kandidati Diretturi saret materja ta' certu urgenza. Wara l-laqgha tal-Bord tas-17 ta' Settembru 2015 gie deciz u approvat fil-laqgha sussegwenti (minghajr ma ttiehed vot) il-*questionnaire* illi kellu jkun il-bazi tal-*assessment* fuq idonjeta' o meno tal-kandidati Diretturi. Fil-25 ta' Settembru 2015, hareg ir-rezultat Dok GP5 li permezz tieghu r-rikorrenti Portanier instab illi ma kienx idoneu bhala kandidat Direttur. Tali rizultat gie komunikat lil MFSA, u ghaldaqstant skond l-intimat il-bank *"ma kellu ebda alternattiva hlief illi jadopera ruhu mal-obbligi statutorji bhala bank regolat that Kap. 371 u regolamenti bankarji maghmula taht l-istess Kap."*

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

[18] Mahrugin fit-22 ta'Novembru 2012

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hruq ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li***

> ***zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat l-eccezzjonijiet tal-Bank of Valletta. Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni, huwa evidenti li l-interess guridiku tar-rikorrenti hu l-fiducja' li urew fih l-azzjonisti - *shareholders* tal-istess bank biex jokkupa tali kariga, li ilu jokkupa ghal tnejn u ghoxrin sena li jsarraf f'obbligu li jaghmel hiltu fl-elezzjoni li gejja biex jokkupa tali kariga ghan-nom ta' u fl-interess ta' l-istess *shareholders*.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni li t-talbiet huma ezawriti din il-Qorti taghraf li kif ser jinghad iktar il-quddiem, is-*Suitability Test* innifsu kif ukoll, r-rizultat tieghu, (li diga gie komunikat lill-awtoritajiet), jista' jigi impunjat quddiem il-Qorti kompetenti. Ghaldaqstant certament ma jirrizultax lil din il-Qorti kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, li t-talbiet tar-rikorrenti huma "kompletament ezawriti."

Ghar-rigward l-eccezzjoni ta' intempestivita' din il-Qorti taghraf li l-manjiera ta' kif sar u minn min sar l-*assessment* ta' *suitability* x'aktarx ser ikollu l-konsegwenza inevitabli

li ha thalli efffett negattiv fuq kwalunkwe decizjoni tal-MFSA u l-*Joint Supervisory Team*. Illi ghaldastant il-Qorti ma tqisx din l-azzjoni bhala wahda intempestiva.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni erbgha u hamsa l-Qorti tirreferi ghan-nuqqas ta' inkorporazzjoni tal-Artikolu 88 ta' CRD fl-Artikolu 14 tal-*Banking Act* , u dak kollu li din il-Qorti tispjega ghar-rigward ta' nuqqas *Nomination Committee* indipendenti minn *management body* u nuqqas ta' *policy* pubblikata. Ghaldaqstant il-Qorti ma jidhirliex almenu sal-grad ta' *prima facie* li l-bank kellu l-obbligu statutorju li qieghed javvanta.

Din il-Qorti wara li rat u ezaminat il-paragrafi 17 'l quddiem tar-risposta guramentata tal-bank intimat taghraf illi minkejja dak kollu sollevat mill-bank intimat jirrizulta lil din il-Qorti illi r-rikorrenti gie nominat minn azzjonisti tal-bank b'inqas minn 10% *shares* fl-istess bank, bhala kandidat ghal-kariga ta' Direttur biex jippartecipa fl-elezzjoni tas-17 ta' Dicembru 2015. Di piu din il-Qorti tqis illi l-kwalifiki akkademici tieghu u l-idonjeta' tieghu bhala kandidat Direttur **iridu jkunu assessjati skond il-ligi tal-pajjiz.**

Jirrizulta illi l-Artikolu 91 tac-CRD gie nkorporat f'Artikolu 14 tal-*Banking Act* li mkien ma jsemmi in-*Nominations Committee* jew is-*Suitability Test* li ghandu jsir. Ghar-rigward tal-kontenut tal-Artikolu 88 ta' CRD, il-Legislatur Malti ghazel **illi ma jinkludiehx** fil-*Banking Act.* Artikolu 88 tal-istess CRD jitkellem dwar in-*Nominations Committee*:

> *"The nominations committee shall identify and recommend for the approval of management body"* (cioe il-Bord tad-Diretturi) *"or for approval of the general meeting candidates to fill in the management body vacancies."*

Minn dan huwa evidenti illi l-bank kellu jahtar *Nominations Committee* li jkun indipendenti mill-Bord tad-Diretturi sabiex ikun f'qaghda jaghmel ir-rekommandazzjonijiet lil-Bord tad-Diretturi.

Di piu'il-bank kellu jhejji *policy* (li fiha jawmenta n-numru ta' nisa fuq il-Bord) **liema *policy* ma thejjitx u ma gietx pubblikata.**

Di piu l-Artiklu 88 jesigi li:

> *"in performing its duty the nominations committee shall to the extent possible and on an on going basis, take account of the need to ensure that the management bodies' decision making is not dominated by any one individual or small group of individuals in a manner that is detrimental to the interest of the institution as a whole."*

In oltre l-Artiklu 88 jesigi li: *"Where under national law, the management body does not have any competence in the process of selection and appointment of any of its members, this paragraph shall not apply."* Jidher car mill-minuti tas-704th Board of Director's meeting of the Bank of Valletta tas-17 ta' Settembru 2015, din il-materja giet diskussa fost apprehensjoni tad-Diretturi li irrikonoxxew illi n-*Nomination's Committee* tal-bank kien mghamul mill-istess diretturi jew kandidati diretturi tal-bank u li ghaldaqstant dan kien jikkostitwixxi *"a clear conflict of interest*" vide Fol 2 para F tal-minuti.

Illi di piu' f'paragrafu (l) ic-Chairman ikkonferma li ***"these guidelines have not been to date implemented in domestic legislation or regulation,"*** u li skond paragrafu (m) tal-istess minuti dawn il-*guidelines* kienu konfliggenti mal-*Memorandum and Articles of Association* tal-bank.

Eppure fil-Bord Meeting 705th Board of Director's meeting of the Bank of Valletta tas-25 ta' Settembru 2015 gie deciz, minghajr ma ttiehed vot, illi l- *questionnaire* jinghata u jintmela minn kull Direttur fuq il-Bord mhux biss fuqu innifsu izda fuq il-membri l-ohra tal-Bord u anki fuq membri godda, u dana minkejja li saret referenza ghal prassi adotti minn diversi banek esteri fejn jigu msejha konsulenti esterni sabiex jevalwaw l-idonjeta', l-esperjenza u l-effikacja ta' kandidati Diretturi.

Il-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn f'dan ir-rigward ghal dak asserit f'paragrafu g tal-minuti tal-25 ta' Settembru 2015 mic-Chairman

> ***"The Chairman added that in the coming months the policy for nominating candidates for directorships will be defined and approved by the board, so that in future this function will be well managed. It will also be made public to ensure transperancy."***

Di piu f'paragrafu 6 minhabba pressjoni sabiex jigu segwiti l-*guidelines* ic-Chairman minn rajh iddikjara ***" he had comitted the bank to complete this ezercise by the 30th of September 2015"-*** Vide paragrafu d tal-minuti tal-25 ta' Settembru 2015.

Mill-kumpless ta' dawn il-provi prima facie jirrizulta b'mod ampju li minkejja li Artikolu 88 tac-CDR ma giex inkorporat fl-Artikolu 14 tal-*Banking Act*, u minkejja li ma giex mahtur skond l-istess *Guidelines,* in-*Nomination Committee* li huwa indipendenti mill-*management body* cioe' mill-Bord tad-Diretturi, eppure c-Chairman iddecieda li jfassal *questionnaire* sabiex ikunu l-istess direttur jew diretturi kandidati li jassessjaw lilhom nfushom u lil kandidati l-ohra. Dan huwa l-**anthesis tal-ezercizzju tal-*assessment* skond il-*guidelines***.

Apparti li jidher car li l-kwistjoni dwar is-sistema ta' kif sar l-*assessment* kienet procedura mghaggla u intiza biss sabiex isservi bhala *lip service* ghal ligi, r-rezultat ta' "tali *assessment*" minn persuni milquta minn *conflict of interest* kellu rizultat li johloq cirkostanzi fejn fejn jigi eliminat Direttur u jinholoq *milieu* ta' cirkostanzi fejn membri tal-Bord tad-Diretturi jkunu *self perpetuating* fis-sens li bin-numru ta' kandidati (eskluz l-attur) lanqas biss ikun hemm htiega t' elezzjoni.

**L-addozzjoni ta' regolamenti u *guidelines* tal-Unjoni Ewropea huma intizi ghall-aktar rettezza u trasparenza**. Certament ma humiex intizi sabiex jigu uzati bhala pretest biex tinholoq ingustizzja u anqas trasparenza.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti mhux biss ma pprovax ir-rekwizit tad-dritt *prima facie* tieghu, izda rrnexxielu jipprovdi sal-grad ta' *prima facie* il-hsara rrimedjabbli li jsofri hu bhala kandidat nominat ghall-elezzjonijiet mhejjija ghas-17 ta' Dicembru 2015, f'kaz li dan il-mandat ma jintlaqax.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-bank intimat, tilqa' t-talba ta' George Portanier kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-bank intimat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi komunikata lil MFSA.

**Moghti kameralment illum 27 t'Ottubru 2015**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**